Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## WASAL ILWIEN IR-REBBIEGĦA U JUM IŻ-ŻEBBUĠ

Id-direzzjoni ta' dawn l-avviżi tawgura kull suċċess għal 'ILWIEN IR-REBBIEGĦA' u JUM IŻ-ŻEBBUĠ jum il-lokalita` tagħna u nħeġġu lir-residenti u ħbieb tagħna biex jipparteċipaw f' dawn il-festi biex inkomplu nkabbru l-isem tal-lokalita` tagħna kif dejjem hekk għamilna. Insegwu l-programm li tqassam f' kull dar.

## XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA`

Issa li Triq il-Wied, Triq il-Forn, parti minn Triq Santa Marija kif ukoll Triq Ta' Barda huma lesti mill-kisi bil-*hot asphalt,* grazzi tal-għajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-ġranet li ġejjin sejrin nikkonkludu t-triq li mix-Xwejni twassal għal Qbajjar biex inkunu llestejna safejn stajna x-xogħlijiet fil-parti turistika tal-lokalita` tagħna. Barra minhekk wieħed jinnota li l-bajjiet tagħna ta' Marsalforn, Qbajjar u x-Xwejni għaddejjin b' xogħlijiet ta' tibjid u żebgħa biex fix-xhur li ġejjin il-lokalita` tagħna tkun waħda mill-isbaħ u li tiġbdek. Għadna kif irranġajna parti oħra mit-Triq tal-Ħamra fil-kantuniera taħt Ta' Kuljat u ser ngħaddu biex niksu bil-*hot asphalt* Triq iċ-Ċnus u Triq tal-Konti. Bil-kundizzjonijiet il-ġodda dwar il-permessi erġajna applikajna mill-ġdid għal dawn ix-xogħlijiet (proċess li ma għandux jieħu ħafna żmien) u ser niffokaw biex dawn ix-xogħlijiet nagħmluhom issa li ħafna mix-xogħlijiet li kellna mibdija huma lesti. Dan ifisser li dawn iż-żewġ toroq huma ta' prijorita` għal Kunsill. Tajjeb tkunu nfurmati li għandna approvat ukoll biex jinkesa bis-siment passaġġ Ta' Kuljat kif ukoll Triq Ħabel it-Twil. Qabel ma nwettqu dawn ix-xogħlijiet ser nitolbu lill-Perit tal-Kunsill biex jiggwidana jekk għandniex bżonn ta' permessi mill-M.E.P.A. Dan ser nagħmluh wara l-esperjenza li għaddejna minnha fil-passat.

## AKTAR PROĠETTI MILL-U.I.F. FUNDS

Wara li dawwalna Triq il-Knisja fiż-Żebbuġ u t-toroq ta' d-Duluri, l-Isqof Ġużeppi Pace, il-Munġbell u Triq il-Plejju ġo Marsalforn, il-Kunsill għadu kif approva biex parti minn Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, parti minn Triq Għajn Mhelhel u jekk il-flus jippermettu Triq l-Għażżiela kif ukoll Triq Santa Marija kollha sal-Qbajjar indawluhom b' din is-sistema ta' dwal li barra li hija sistema li tiffranka l-enerġija hija wkoll sistema li tipproteġi l-ambjent (energy saving and environmental friendly). Fil-ġranet li ġejjin l-Inġiniera tal-Kunsill ser ikunu jaħdmu fuq dan il-proġett biex napplikaw għall-fondi, noħorġu sejħa għall-offerti u finalment naraw dan il-proġett jitwettaq. Nisperaw li meta nwettqu dan il-proġett barra li nkunu qiegħdin insebbħu parti oħra mill-lokalita` tagħna nkunu qiegħdin niffrankaw l-enerġija kif ukoll nibżgħu għall-ambjent.

## ISEM U KOTBA GĦALL-LIBRERIJA TAGĦNA

Waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill Lokali li nżammet nhar it-Tlieta li għaddiet il-Kunsill approva biex il-librerija pubblika li għandna ż-Żebbuġ tissemma għal memorja tas-Sinjorina Antonia Vella li kienet direttriċi tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Ta' min ifakkar li s-Sinjorina Vella twieldet iż-Żebbuġ u kien għad għandha ir-residenza tagħha fi Triq il-Kappillan Franġisku Vella. Bi pjaċir inħabbrulkom li dan l-aħħar is-Segretarjat Parlamentari għal Kunsilli Lokali offrilna b' kemm jiswew 466 ewro kotba għall-librerija tagħna. Ta' min isemmi li Merlin Library fuq dan ix-xiri ta' kotba ser tagħtina bonus addizzjonali ta' 25%. Nirringrazzaw lil kulħadd għal kull għajnuna li nirċievu.

## ĠNIEN IT-TLIET GĦOLJIET

Nixtiequ naġġornawkom dwar il-proġett ĠNIEN IT-TLIET GĦOLJIET li l-Ministeru għal Għawdex sejjer jibni ġewwa Marsalforn. Dan ser isir f' dik il-parti ta' fuq il-*car park* fejn il-Kunsill kien applika u kellna l-permessi biex nibnu ġnien. Ninsabu nfurmati li diġa ħarġet l-ewwel sejħa għall-offerti u ser joħorġu aktar il-quddiem u li fi ftit ġranet oħra ser jinbeda x-xogħol biex dan il-proġett jiġi mwettaq. Filwaqt li nawguraw li dan il-proġett ser ikompli isebbaħ parti oħra mill-lokalita` tagħna meta ikun lest nirringrazzjaw lil Ministeru għal Għawdex ta' dan il-proġett li qiegħed jibni fil-lokalita` tagħna.

## PROBLEMI FIT-TBATTIL TAL-*ISKIPS* FUQ IR-ROTI

Nixtiequ navżaw li qiegħdin inħabbtu wiċċna ma' problema dwar l-i*skips* fuq ir-roti. Barra li qiegħdin jiġu abbużati minn nies li m' humiex residenti fil-lokalita` tagħna qiegħdin jiġu wżati ħażin billi jintefa' kull xorta ta' materjal anke dak tal-bini. Fil-ġranet li ġejjin ser inkunu nindirizzaw din il-problema.

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Viċi Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo Kunsilliera**

**Il-Ħamis, 22 ta' April 2010** **Nru. 06/2010**